# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 5**

**Rikors numru 179/18 AL**

**Diane Galea**

**v.**

**Brian Galea**

**Il-Qorti:**

1. B'sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019 il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett minn dakinhar li ssir ġudikat, wara rikors li ppreżenta l-konvenut fl-24 ta' Ottubru 2019 li biha talab lill-qorti sabiex:

*“....... in vista ta’ dak ravviżat fl-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta), jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet”.*

2. Fis-sentenza l-ewwel Qorti rraġunat:

*“Fl-ewwel lok, jingħad li l-ilment tal-intimata huwa prinċipalment dwar l-introjtu ta’ Brian Galea. Hija ssostni li peress li huwa ‘self employed’ u jaħdem fil-madum, ikun faċli għalih li jaħbi xi flus wara li tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti. Jiġi rilevat, li mill-atti tal-kawża, jirriżulta li ġew esebiti d-dokumenti bankarji kollha li juru l-kontijiet bankarji ‘joint’, kif ukoll dawk li mhumiex ‘joint’, ġew esebiti wkoll dokumenti bankarji li juri s-self bankarju tal-konjuġi konsistenti f’ ‘home loans’. Inoltre, ir-rikorrenti pproduċiet ukoll xhud biex jixhed dwar l-introjtu ‘part-time’ ta’ Brian Galea peress li hu jitħallas minn Sport Malta taħt skema sportiva. Għalhekk, dak sostnut mill-intimata dwar l-introjtu tal-intimat peress illi huwa ‘self emplowed’ ma joħloqx preġudizzju mhux proporzjonat. Inoltre, kif premess l-assi tal-intimat huma miżmuma permezz ta’ Mandat ta’ sekwestru.*

*“Il-Qorti ttenni il-prinċipju li dejjem ħaddnet u ċjoe` li dak li sal-lum huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa’ hekk sakemm ikun hemm il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Għaldaqstant, dak kollu illi llum jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, ser jibqa’ hekk jappartjeni lill-istess komunjoni, irrispettivament minn min ikollu l-pussess tal-istess flus.*

*“Dan ifisser illi jekk ikun ippruvat illi r-rikorrent għandu fil-pussess tiegħu flus li kiseb sat-tmien tal-komunjoni tal-akkwisti, dawn ser jibqgħu taż-żewġ partijiet u jiġu assenjati skont il-liġi, fid-deċiżjoni finali ta’ din il-Qorti.*

*“Illi wkoll, dwar l-ilment tal-intimata referibbilment għall-introjtu tal-intimat, dan ma jikkostitwix preġudizzju mhux proporzjonat iżda huwa frott naturali tal-firda, li ladarba l-partijiet jisseparaw, jibqa’ taż-żewġ partijiet dak li jappartjeni lill-komunjoni u mhux il-paga li jista’ jaqla’ aktar ‘il quddiem l-intimat Brian Galea. Dak se mai għandu jiġi evalwat għal fini ta’ manteniment.*

*“B’referenza għal dak sostnut fil-ħames eċċezzjoni tal-intimata dwar kirjiet ta’ żewġ proprjetajiet, jirrizulta mill-atti tal-kawża li Brian Galea, esebixxa ż-żewġ skritturi lokatizji, annessi mar-risposta tiegħu, fejn jidhru d-dati tal-iskritturi lokatizji u l-ammonti tal-kera. Għalhekk, dak eċċepit fil-ħames eċċezzjoni ma jreġix u mhuwiex ta’ detriment għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*"Illi għalhekk, il-Qorti mhijiex tal-fehma li f'dan il-każ jeżistu l-elementi eċċezzjonali meħtieġa ai termini tar-raba' subinċiż tal-Artikolu 55 sabiex il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jseħħx.*

*"Il-Qorti ma tara l-ebda ħtieġa li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet tibqa' fis-seħħ mil-lum 'il quddiem. Għall-kuntrarju, huwa fl-interess taż-żewġ partijiet illi ma jgħabbux il-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra. Kif stqarret l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża ġja ċċitata, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi, it-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser iġib benefiċċju in kwantu jevita li xi parti jew oħra tagħmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jiġi imputat lill-komunjoni.*

*"Illi tenut kont ta' dan kollu suespost, hija l-fehma tal-Qorti illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju m'huwiex ser jarreka preġudizzju mhux proprozjonat lill-intimata.*

*"Konsegwentement, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju.*

*"Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin mertu tal-kawża tas-separazzjoni personali bejniethom."*

3. Il-fatti prinċipali huma:

i. Il-kontendenti żżewġu fis-6 ta' Diċembru 2002 u miż-żwieġ kellhom żewġt itfal. Il-kbir ser jagħlaq sittax-il sena filwaqt li t-tifla ser tagħlaq tlettax-il sena.

ii. Fit-13 ta' Lulju 2018 l-attriċi ppreżentat il-kawża ta' separazzjoni fejn tallega li ż-żwieġ tkisser minħabba adulterju, sevizzi, theddid u inġurji tal-konvenut.

iii. Fil-kawża tas-separazzjoni għadhom qegħdin jinstemgħu l-provi tal-attriċi quddiem Assistent Gudizzjarju.

iv. Fi tweġiba li ppreżenta fis-17 ta' Ottubru 2018 wara rikors tal-attriċi għall-manteniment, il-konvenut iddikjara li l-qligħ tiegħu fix-xahar hu ta' €1500. Inoltre ddikjara li, "*l-flats li ssemmi l-mara fir-rikors tagħha huma kollha bid-dejn mal-HSBC Bank Malta plc, u mill-kera li jiġġeneraw qed titħallas il-loan tagħhom*".

v. Fil-kawża ta' separazzjoni l-attriċi ppreżentat prova li hemm pagamenti tal-HSBC fuq id-dar li ma sarux.

vi. Fl-24 ta' Ottubru 2019 l-attur talab lill-qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. L-attriċi opponiet għat-talba.

4. L-attriċi appellat mis-sentenza filwaqt li l-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

5. L-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li waqt smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew ieħor mill-miżżewġin, il-qorti tista' tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Skont subinċiż (4) ta' dik id-dispożizzjoni:

> *"(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti* ***tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat*** *bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentneza tal-firda".*

6. L-attriċi lmentat li żewġha hu *self-employed* (qalet li jaħdem fil-madum) u prinċipalment jitħallas fi flus kontanti u għalhekk jista' jimmanuvra l-flus tal-komunjoni tal-akkwisti li jaħbihom kif irid peress li l-parti l-kbira tal-introjtu mhuwiex dikjarat. Issostni li ser tagħti prova ta' dan, iżda sal-lum għadha tagħmel riċerki sabiex tiskopri f'hiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti. Kompliet li jekk il-komunjoni tal-akkwisti tieqaf minn issa, il-konvenut ser ikun f'pożizzjoni li jallega li dawn il-flus ġew fil-pussess tiegħu wara li ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti. Dan ser iwassal għal sitwazzjoni fejn l-attriċi mhux ser tkun tista' tirribatti għal allegazzjoni simili.

7. F'dan ir-rigward l-argument li għamlet l-attriċi mhuwiex konvinċenti. Meta fi żwieġ hemm il-komunjoni tal-akkwisti, il-qligħ li jagħmel kull wieħed hu tat-tnejn. Il-fatt li xi ħadd mill-konjuġi ma jkunx qiegħed jiddikjara l-qligħ kollu, ma jagħmilx differenza jekk għandhiex titħalla jew titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti. Jirriżulta li fi tweġiba li ppreżenta fis-17 ta' Ottubru 2018 (fol. 1185 tal-atti tas-separazzjoni), il-konvenut iddikjara li *"qatt ma jipperċepixxi aktar minn Euro 1500 fix-xahar tax-xogħol li jagħmel"*. Dikjarazzjoni li bilfors ser twassal għal ħafna domandi, meta tikkonsidra li l-konvenut jaħdem għal rasu bħala *tile layer* u xehed ukoll li jħaddem persuna miegħu (seduta tas-6 ta' Lulju 2020), kif ukoll meta tikkonsidra li fl-20 ta' Frar 2017 xtraw appartament fl-Msida u l-Pieta u m'hemmx prova li ħadu self minn bank sabiex sar l-akkwist. Dan iktar u iktar meta tikkonsidra li fil-familja l-konvenut biss kellu qligħ.

8. Madankollu jekk wara din is-sentenza l-konvenut ser isostni li l-qligħ kollu li għamel sar wara llum kif qiegħda taħseb l-attriċi, allura l-oneru tal-prova ser ikun fuqu.

9. Argument ieħor hu li l-qorti ma tatx opportunita` lill-attriċi sabiex tagħti prova dwar il-kirjiet. Issostni li l-kirjiet huma baxxi meta paragunati ma' proprjetajiet oħra fil-viċin, u għandha suspett li mhuwiex jiddikjara d-dħul kollu. F'dan ir-rigward tilmenta li ma ngħatatx biżżejjed żmien sabiex tindaga dwar l-istess. Kompliet tgħid li meta talbet għal nofs il-kera, il-konvenut qal li qiegħed juża l-flus sabiex jagħmel tajjeb għad-dejn tal-komunjoni. Madankollu l-attriċi rċeviet ittri mingħand il-banek li nfurmawha li d-dejn mhuwiex jitħallas. Inoltre l-kirjiet saru f'isem il-konvenut, u għalhekk qiegħed jiġi ppremjat talli għamel atti ta' amministrazzjoni straordinarja fl-assenza tal-attriċi.

10. Għal dawk li huma kirjiet ta' proprjeta`, il-qorti ma tarax li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ser twassal għal xi preġudizzju mhux proporzjonat. Skont ma qalet l-attriċi, il-kirjiet saru permezz ta' skritturi. Fil-proċess tal-kawża ta' separazzjoni hemm żewġ skritturi, waħda ffirmata u l-oħra mhux iffirmata b'kera li verament tidher li hi baxxa. Madankollu jekk tibqa' fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti m'hu ser joffri l-ebda benefiċċju jekk il-konvenut ma ddikjarax l-ammont kollu ta' kera li qiegħed jirċievi. Dik hi materja ta' provi. Jekk mill-provi ser jirriżulta li fir-realta` d-dħul hu iktar minn dak dikjarat fl-iskrittura, allura l-attriċi ser

ikollha jedd għal sehemha mid-dħul reali irrispettivament għadhiex teżisti l-komunjoni tal-akkwisti jew le. Dan apparti li l-konvenut ser ikollu jagħti prova li l-qligħ użah biex jitħallas id-dejn. Għalkemm l-attriċi qiegħda ssostni li l-kirjiet saru mingħajr il-permess tagħha, kif jidher li hu, ma jidhirx li dak hu rilevanti għad-deċiżjoni li kellha tieħu l-ewwel Qorti dwar it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan apparti li fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2020 meta l-konvenut xehed in kontro-eżami, qal li l-kirjiet spiċċaw peress li l-inkwilini telqu fil-perjodu meta bdiet il-COVID f'Malta. Fatt li ma jirriżultax li ġie kkontestat.

11. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-argumenti li għamlet l-attriċi ma jwasslux lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ser tkun qiegħda ssofri preġudizzju li mhuwiex proporzjonat.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi.**

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm